# LIL ĦABSI MEĦLUS

Infetaħ fl-aħħar dak il-bieb li darba
warajk ingħalaq ilu kemm-il sena;
u ħriġt mill-ġdid fil-beraħ, fejn ix-xarba
ta' wiċċek kotrot f'tal-ħelsien il-hena.

Ħallastu dnubek; iżda xorta f'karba
miżmuma qalbek għadha trid tinfena
għal min ħallejt warajk f'taż-żmien il-ħarba,
għax darek terġa' trid mill-qiegħ tinbena.

Mur, taqtax jiesek: insa lill-warrani!
Fis-safa sib is-sabar jekk ħażina
tibqa' xortik għax tkun magħdud barrani.

Il-faqar u t-tjubija l-aqwa żina
li bihom biss flimkien tista' tkun għani;
u fuq kulħadd hemm Alla b'Qalb Ħanina!

22 - 11 - 39. E. SERRACINO-INGLOTT.